



---

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

---

**2017/0326(COD)**

27.2.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-  
Awtorità Bankarja Ewropea  
(COM(2017)0734 – C8-0420/2017 – 2017/0326(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Fabio Massimo Castaldo

PA\_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1a (ġdid)

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva*

*Emenda*

***1a. Jitlob reviżjoni immedjata tal-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012 sabiex jitqies ir-rwol tal-Parlament Ewropew fil-proċess deċiżjonali dwar il-post tal-aġenziji fid-dawl tal-prerogattivi tiegħu bħala koleġiżlatur fl-ambitu tal-proċedura leġislattiva ordinarja u jitlob għalhekk li l-Parlament Ewropew jiġi involut mill-qrib f'dak il-proċess deċiżjonali;***

### Emenda 2

#### Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1b (ġdid)

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva*

*Emenda*

***1b. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;***

Għal skopijiet ta' informazzjoni, it-test tad-dikjarazzjoni huwa kif ġej:

"Il-Parlament Ewropew jiddisponja li r-rwol tiegħu ta' koleġiżlatur ma tqisx kif xieraq fil-proċedura tal-għażla tas-sede l-ġdida tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).

Il-Parlament Ewropew jixtieq ifakkar il-prerogattivi tiegħu bħala koleġiżlatur u jinsisti fuq ir-rispett sħiħ tal-proċedura leġislattiva ordinarja f'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tas-sede tal-korpi u l-aġenziji.

Bħala l-unika istituzzjoni tal-Unjoni li tiġi eletta direttament, il-Parlament Ewropew huwa l-ewwel garanti tar-rispett tal-prinċipju demokratiku fl-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew jikkundanna l-proċedura segwita għall-għażla tal-post il-ġdid tas-sede, li *de facto* ċaħħdet lill-Parlament Ewropew mill-prerogattivi tiegħu peress li ma ġiex involut effettivament fil-proċess, iżda issa qed jiġi mistenni li sempliċement jikkonferma l-għażla magħmula għall-post il-ġdid tas-sede permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Il-Parlament Ewropew ifakkar li l-Approċċ Komuni meħmuż mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, iffirmata fl-2012, mhuwiex vinkolanti – kif rikonoxxut fid-Dikjarazzjoni nnifisha – u li l-qbil intlaħaq mingħajr preġudizzju għas-setgħat leġiżlattivi tal-istituzzjonijiet.

Il-Parlament Ewropew jilqa' l-fatt li l-proċedura ta' għażla tas-sede l-ġdida tal-aġenzija kienet ibbażata fuq il-kriterji ta' għażla msemmija fl-Approċċ Komuni, iżda jiddeplora l-fatt li eventwalment id-deċiżjoni ntlaħqet bix-xorti. Il-Parlament għalhekk jinsisti li l-proċedura segwita għall-għażla tal-post il-ġdid tas-sede tiġi riformata fil-futur.

Il-Parlament Ewropew jissottolinja li l-proċedura segwita għall-għażla tal-post il-ġdid tas-sede, li għandha l-bażi tagħha fl-Approċċ Komuni, hija ta' natura purament intergovernattiva u li t-talba ta' konferma tal-għażla magħmula permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja tirrifletti t-tensjoni bejn il-proċess intergovernattiv u l-metodu komunitarju, u dan iġorr ir-riskju li jimmina l-metodu komunitarju.

Fl-aħħar nett, il-Parlament Ewropew jixtieq ifakkar ukoll li fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>1</sup>, it-tliet istituzzjonijiet impenjaw ruħhom favur kooperazzjoni leali u trasparenti filwaqt li fakkru fl-ugwaljanza taż-żewġ koleġiżlaturi kif minquxa fit-Trattati."

---

<sup>1</sup>ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*wara li kunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni  
Ewropea, u b'mod partikolari l-  
Artikolu 13(2) tiegħu,*

*Ġustifikazzjoni*

*Riferiment għall-obbligu ta' kooperazzjoni sinċiera reċiproka fost l-istituzzjonijiet tal-UE*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)**

***(5a) L-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirrikjedi li r-relazzjonijiet fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jitwettqu f'kooperazzjoni reċiproka sinċiera, filwaqt li kull waħda minnhom taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati u f'konformità mal-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-objettivi stabbiliti fihom. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat u involut b'mod sħiħ matul l-istadji kollha tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-post tas-sede tal-Awtorit� Bankarja Ewropea
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0734 – C8-0420/2017 – 2017/0326(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 11.12.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 11.12.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Fabio Massimo Castaldo 26.2.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	26.2.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.2.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 18 –: 3 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mercedes Bresso, Richard Corbett, Pascal Durand, Danuta Maria Hübner, Diane James, Ramón Jáuregui Atondo, Morten Messerschmidt, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Pedro Silva Pereira, Barbara Spinelli, Kazimierz Michał Ujazdowski
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Max Andersson, Enrique Guerrero Salom, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Jérôme Lavrilleux, Mairead McGuinness, Cristian Dan Preda, Jasenko Selimovic
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eleonora Evi, Seán Kelly, Jeroen Lenaers, Ramón Luis Valcárcel Siso

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT LI JINTALAB  
JAGĦTI OPINJONI**

<b>18</b>	<b>+</b>
ALDE	Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jasenko Selimovic
EFDD	Eleonora Evi
GUE/NGL	Barbara Spinelli
PPE	Danuta Maria Hübner, Seán Kelly, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Mairead McGuinness, Cristian Dan Preda, Ramón Luis Valcárcel Siso
S&D	Mercedes Bresso, Richard Corbett, Enrique Guerrero Salom, Ramón Jáuregui Atondo, Sylvia-Yvonne Kaufmann
VERTS/ALE	Max Andersson, Pascal Durand

<b>3</b>	<b>-</b>
ECR	Morten Messerschmidt, Kazimierz Michał Ujazdowski
NI	Diane James

<b>1</b>	<b>0</b>
S&D	Pedro Silva Pereira

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni